MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 44/2003

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef)
Vs

Alfred Mallia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-8/2/2003 ghall-habta tat-3.15 p.m. waqt il-partita Msida vs M’Xlokk gewwa l-ground Nazzjonali gewwa Ta’ Qali, dahal fl-istess ground meta kien ipprojbit milli jattendi f’xi ground tal-isports ghal perjodu ta’ tlett xhur b’sentenza tal-qorti tal-Magistrati (Malta), mill-Mag. Dr. Dennis Montebello BA., LL.D. bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali li ggib id-data 12/11/2002 liema sentenza hi definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-4 ta’ Marzu, 2003, li biha wara li rat l-Artikolu 318 tal-Kap. 10, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni w ikkundannatu ghal LM30 amenda w inoltre ordnat li l-imputat jigi pprojbit milli jidhol f’xi ground tal-isports ghal zmien sena a tenur tal-legal notice LN 88/78.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Marzu, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena, w dan that kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u cioe’ :- 1. li l-konkluzzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti hija “unsafe and unsatisfactory” ghax il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-ahjar prova dwar is-sentenza precedenti li kienet inghat kontra l-appellant u li biha skond il-Prosekuzzjoni hu kien gie projbit milli jidhol gewwa “ground” tal-isports. Fil-fatt ghalkemm giet esebita kopja tas-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2002, din giet esebita mis-Surgent A Lia li kien biss xhud f’ dik il-kawza w mhux l-ufficjal prosekutur u li ma kienx prezenti fl-awla meta nghatat is-sentenza . Ghalhekk PS Lia ma kienx il-bniedem li seta’ jesebixxi s-sentenza w ma seta’ qatt jikkonferma illi dik is-sentenza w l-piena hemm kontemplata kienet inghatat kontra l-appellant . Kien jispetta lill-Ispettur Marthese Micallef li kienet l-ufficjal prosekutur fiz-zewg kawzi quddiem l-Ewwel Qorti li titla’ fuq il-pedana tax-xiehda w tressaq l-ahjar prova dwar is-sentenza precedenti w kontra min inghatat. Dan ma sarx u l-Prosekuzzjoni strahet fuq id-depozizzjoni ta’ min sar jaf b’dak li xehed fuqu minn kliem haddiehor. 2. Subordinatament il-piena li nghatat lill-appellant ma hijix dik fix-xorta taghha li hi kkontemplata mill-ligi ghar-reat li fuqu l-appellant gie misjub hati . La mill-artikolu 318 u lanqas mill-artikolu 319 tal-Kap.10 ma jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati tista’ tipprojbixxi lill-hati milli jidhol fi “ground” tal-isports. Din hi piena specjali kontemplata fl-artikolu 9 (2) tal-Avviz Legali 88/1978 ghal min jikser id-

dispozizzjoni tal-istess Avviz Legali , pero’ ma hix piena li tista’ tinghata ghal min jikser l-ordni taht il-provvediment tal-artikolu 318 tal-Kap.10 minkejja li dik l-ordni tkun inghatat ghax originarjament kien hemm ksur ta’ xi dispozizzjoni tal-avviz legali fuq indikat ; 3. l-appellant inghata ammenda ta’ tletin lira (LM30) meta ai termini tal-artikolu 13 (1) tal-Kap.9, il-maximum tal-ammenda li jista’ jinghata huwa ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25).

Fliet l-atti kollha processwali,

Semghet ix-xiehda ta’ PS 86 Lia u ta’ PC 860 Kevin Caruana waqt l-udjenza tal-5 ta’ Gunju, 2003,

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda n-nuqqas ta’ l-ahjar prova tal-identita’ tal-appellant ghall-fini tan-ness bejnu w bejn is-sentenza li kienet inghatat mill-Ewwel Qorti fit-12 ta’ Novembru, 2002 . Id-difiza tissottometti li l-kopja tas-sentenza li effettivament giet esebita jmissha giet esebita mill-Ispettur Marthese Micallef u mhux mis-Surgent Lia li kien biss xhud fl-ewwel process. Inoltre tghid li PS Lia ma setax jikkonferma bil-gurament li kienet dik is-sentenza li nghatat u li nghatat fil-konfront tal-istess imputat , l-appellant odjern.

Illi dwar l-ewwel aspett ta’ dan l-aggravju din il-Qorti assolutament ma taqbilx li l-kopja tas-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2002 ma setghetx tigi esebita minn PS Lia. Tali document awtentiku seta’ jigi esebit minn kull xhud tal-prosekuzzjoni w anki mil-istess ufficjal prosekutur okkorrendo bla ma jitla’ jixhed dwaru . Issa mix-xiehda ta’ PS Lia quddiem din il-Qorti , irrizulta li ma kienx hu li materjalment esebixxa d-dokument u allura dan bil-fors li gie esebit mill-ufficjal prosekutur. Sa hawn il-Qorti ma tirravviza ebda rregolarita’ li tista’ tivvantaggja lill-appellant.

It-tieni aspett ta’ dan l-aggravju jirrigwarda min kellu jkun ix-xhud tal-prova tal-identita’ w cioe’ dak li jagharaf lill-appellant bhala l-istess imputat li kien gie kundannat bis-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2002. F’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni strahet fuq id-depozizzjoni ta’ P.S. Lia li quddiem din il-Qorti xehed li hu kien cert li l-appellant kien l-istess persuna li kienet giet sentenzjata fil-process precedenti fuq imsemmi . Qal ukoll li ghalkemm hu ma kienx prezenti waqt l-ghoti tas-sentenza wara kien iccekkja w sab li d-dettalji kienu l-istess.

Illi ghalkemm il-prassi li zviluppat fil-Qrati Kriminali hija li l-bicca l-kbira tal-identifikazzjonijiet f’kazijiet analogi ta’ recidiva, ksur ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ksur ta’ ordni ta’ probation, ksur ta’sentenza sospiza , eccetera, jsiru mill-Ispettur li jkun l-ufficjal prosekutur fil-kawza precedenti , ma hemm xejn fil-ligi li tirrikjedi dan jew li tiskwalifika xi membru iehor tal-korp tal-Pulizija ta’ grad inferjuri ghal dak ta’ Spettur li jidentifika hu lill-persuna nvoluta. Fil-kaz in ezami PS Lia kien xhud fl-ewwel kawza li spiccat bis-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2002 u kien fi grad li jagharaf u jidentifika lill-appellant biex jigi stabilit li s-sentenza esebita kienet proprju tikkoncerna lilu w lil hadd aktar. Fil-fehma ta’ din il-Qorti , din il-prova kienet sodisfacenti ghall-fini tal-prova tal-identita’ w ma kienx mehtieg li biex tkun tista’ ssir dil-prova x-xhud ried ikun materjalment prezenti waqt l-ghoti tas-sentenza. Jekk ix-xhud PS Lia, kien xhud fl-ewwel kawza w allura prezenti fl-edificcju tal-Qorti qabel u wara li ta x-xhieda tieghu w kif xehed ivverifika x’sentenza kienet inghatat fil-konfront tal-appellant, u kien fi grad li jidentifika lill-istess appellant f’dan il-process, dan hu bizzejjed biex issir il-prova tal-identita’ . Jekk umbaghad l-appellant ried b’xi mod jikkontesta tali prova , xejn ma kien izommu li jaghmel dan billi jgib provi li , fuq bazi ta’ probabbilta’, juru xort’ ohra. Dan l-appellant ma ghamlux f’dan il-kaz u allura din il-Qorti ma ghandha jkollha ebda ezitazzjoni li toqghod fuq l-identifikazzjoni kategorika w pozittiva tal-appellant li saret anki quddiemha minn PS Lia. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Mhux l–istess pero’ ghall-aggravju dwar il-piena w cioe’ l-projbizzjoni tal-appellant milli jidhol f’xi “ground” tal-isports ghal zmien sena a tenur tal-legal notice 88/78. L-appellant ghandu ragun jilmenta li l-artikolu 318 tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu jidher li qed issir il-prosekuzzjoni f’ din il-kawza u li johloq reat ta’ natura kontravvenzjonali fil-kaz ta’ persuna li tikser ordni moghti jew maghmul mill-awtorita’ kompetenti u li tieghu instab hati l-appellant mill-Ewwel Qorti , ma jipprovdix ghall-projbizzjoni ta’ dhul f’ xi “ground” tal-isports bhala wiehed mill-kastigi possibbli. Illi ghalkemm fis-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2002, kienet instabet htija taht l-Avviz Legali 88/1978 u allura hemm setghet tinghata tali projbizzjoni w f’kull kaz dik is-sentenza ghaddiet in gudikat u ma hemmx appell minnha, f’din il-kawza l-appellant mhux qed jigi akkuzat b’xi reat taht dak l-Avviz Legali imma biss bil-ksur tal-ordni maghmul mill-Ewwel Qorti fl-imsemmija sentenza. (Ara. Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Larry Lagana et.” [11.3.2003].)

Issa kull ma jghid l-artikolu 318 hu li min jikser tali ordni “isir hati ta’ kontravvenzjoni.” Illi umbaghad l-artikolu 7 (2) tal-Kap.9 jghid li “Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 53 jew ta’ xi ligi specjali ohra , il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma :-
(a) id-detenzjoni ;
(b) l-ammenda;
(c) ic-canfira jew twiddiba.

Hu veru li potenzjalment l-appellant seta’ anki nkorra s-sanzjoni preskritta fl-artikolu 53 fuq imsemmi billi jirrizulta li ghamel kontravvenzjoni ohra fi zmien tlitt xhur mill-jum li fih skonta l-piena w seta’ anki wehel detenzjoni ghal zmien mhux izjed minn xaharejn , jew multa , inkella prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahar , billi ikkometta r-reat in dizamina fit-8 ta’ Frar, 2003, meta kien ghadu kif gie sentenzjat inqas minn tlitt xhur qabel u cioe’ fit-12 ta’ Novembru, 2002, pero’ minn imkien fil-ligi ma jidher li seta’ gie kundannat ghall-projbizzjoni li jidhol fi ground tal-isports. Ghalhekk dan l-ilment jidher gustifikat .

L-istess ghar-rigward tal-ahhar ilment li jirrigwarda l-impozizzjoni ta' ammenda ta' tletin lira Maltin . L-artikolu 13(1) tal-Kap.9 jiddisponi li :- "Fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra , il-maximum tal-ammenda huwa hamsa w ghoxrin lira u l-minimum tlitt liri". Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti setghet fic-cirkostanzi tissentenzja lill-appellant ghal detenzjoni, multa jew prigunerija, kif fuq intqal, ghazlet li tikkundannah biss ghal hlas ta' ammenda, li kif intqal ma tistax tkun ta' aktar minn hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) . Ghalhekk bil-fatt li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-ammenda ta' LM30 , giet marret kontra d-dispozizzjoni tal-artikolu 13 (1) fuq citat . Ghalhekk anki dan l–ilment hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ihallas ammenda ta' tletin lira (LM30) u in kwantu ordnat li l-appellant jigi projbit milli jidhol f' xi "ground" tal-isports ghal zmien sena mid-data tas-sentenza , u minnflok tikkundannah ghall-piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) li jekk ma jithallsux illum stess , jigu konvertiti f'hamest ijiem detenzjoni a tenur tal-artikolu 13 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------